Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell CDP/COMP/55/2020**

Ing Brian Azzopardi

Vs

Malta college of Arts Science and Technology

Deċiżjoni 24 ta' Marzu 2022

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal,

Dan huwa appella mil-Malta College of Arts Science and Technology mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-24 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha laqa' t-talba tal-inġinier Brian Azzopardi sabiex l-employer tiegħu cioe l-MCAST jagħtih aċċess għal personal file tiegħu u għall-email li għandha l-MCAST fejn huwa jissemma jew issemmi xogħolu jew l-azzjonijiet tiegħu (access to his personal file held by Ing Brian Azzopardi's Human Resources Department and also, to view any emails within MCAST circulation, where my name or reference to my work or action has been mentioned but I was not in copy within governance or management ranks. "

Fid-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2020 l-kummissarju iddeċieda billi laqa' t-talbiet tal-appellat.

Il-kulleġġ appellant appella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju limitatament għal dak li jirrigwarda id-deċiżjoni rigwardanti t-tieni talba tal-appellanti cioe sabiex l-appellat jiġi muri l-emails li jikkonċernaw lilu jew ix-xogħol tiegħu kif spjegat hawn fuq.
Ma jirriżultax li l-kulleġġ appella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju sabiex Azzopardi jiġi mogħti access għal personal file tiegħu.

Illi l-appellanti qed jibbaża l-appell tiegħu fuq interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 26(1)( c ) u (d) tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 4 (e ) tar-restriction of data Protection (Obligations and Rights) regulations (S.L.586.09) u jikkontendi li ġaladarba kien hemm investigazzjoni għaddejja mil-Ombudsman l-appellanti ma għandux ikollu aċċess għal tali emails sakemm jiġu konklużi l-investigazzjoni li qed issir mill-Ombudsman .

Ra l-provi prodotti mil-partijiet.

Ikkonsidra

Li għal dak li jirrigwarda ilment tal-appellant li l-Kummissarju ma setgħax jilqa' it-tieni talba tal-appellat sakemm jiġu konklużi l-proċeduri quddiem l-Ombudsma, dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-segwenti dispożizzjonijiet fil-liġi:

l-agravju tal-appellanti huwa bażat fuq ir-regolament 4(e) tal-Liġi sussidjarja 586.09 cioe Restriction of the Data Protection (Obligations and Rights) regulations li jirrigwardaw ir-regolament 23 tar-regolament (eu) 2016/679.

Dan ir-regolament 23, jgħid hekk:

*Artikolu 23*

**Restrizzjonijiet**

1. Il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għaliha jkun soġġett il-kontrollur jew il-proċessur tad-*data* tista' tirrestrinġi permezz ta' miżura leġiżlattiva l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 u l-Artikolu 34, kif ukoll l-Artikolu 5 sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 12 sa 22, meta tali restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u hija miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għas-salvagwardja ta':

(a) is-sigurtà nazzjonali;

(b) id-difiża;

(c) is-sigurtà pubblika;

(d) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta' theddidiet għas-sigurtà pubblika;

(e) objettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, b'mod partikolari interess ekonomiku jew finanzjarju importanti tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, inkluż, kwistjonijiet monetarji, baġitarji u fiskali, is-saħħa pubblika u s-sigurtà soċjali;

(f) il-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u l-proċedimenti ġudizzjarji;

(g) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' ksur ta' etika għal professjonijiet regolati;

(h) funzjoni ta' monitoraġġ, ispezzjoni jew regolatorja marbuta, anki jekk okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali f'każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) u (g);

(i) il-protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn;

(j) l-infurzar ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili.

2. B'mod partikolari, kull miżura leġiżlattiva msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha dispożizzjonijiet speċifiċi tal-inqas, fejn rilevanti, dwar:

(a) il-finijiet tal-ipproċessar jew il-kategoriji tal-ipproċessar,

(b) il-kategoriji ta' *data* personali,

(c) l-ambitu tar-restrizzjonijiet introdotti,

(d)is-salvagwardji għall-prevenzjoni tal-abbuż jew tal-aċċess jew it-trasferiment illegali;

(e) l-ispeċifikazzjoni tal-kontrollur jew il-kategoriji tal-kontrolluri,

(f)il-perijodi ta' ħażna u s-salvagwardji applikabbli b'kont meħud tan-natura, l-ambitu u l-finijiet tal-ipproċessar jew il-kategoriji tal-ipproċessar;

(g) ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*; u

(h)id-dritt tas-suġġetti tad-*data* li jkunu infurmati dwar ir-restrizzjoni, sakemm dak ma jistax jippreġudika l-finijiet tar-restrizzjoni.

**Filwaqt li r-regolament 4 ( e ) tal-liġi sussidjarja Liġi sussidjarja 586.09 cioe Restirction of the Data Protection (obligations and Rights) Regulations li jsemmi l-appellanti jgħid li dawn ir-restrizzjonijiet japplikaw meta dawn ir-restrizzjonijiet huma 'a necessary measure required for the establishment , exercise or defence of a legal claim and for legal proceedings which may be instituted under any law'.**

**Illi l-azzjoni tal-appellat ma tinkwadrax ruħha f'ebda waħda mill-istanzi imsemmija fl-artikolu 23 tar-regolament kif citat hawn fuq u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 (e) tar-regolamenti cioe ta' Restriction of the Data Protection (Obligations and Rights) regulations) ma jistax jingħad li japplikaw għal dan il-każ.**

**Tant hu hekk li l-istess regolament (EU) 2016/79 jgħid ukoll li: li kull suġġett tad-data għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effetti fejn jikkunsidra li nkisru d-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament b'riżultat tal-Ipproċessar tad-data personali tiegħu b'nuqqas ta' konformita ma' dan ir-Regolament u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità supervizorja skont l-artikolu 77. (sottolinear tal-esponenti).**

**Filwaqt li l-artikolu 30(1) tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta cioe l-ilment jista' jsir mal-Kummissarju u dan mingħajr għal kull rimedju ieħor li wieħed jista' jkollu fosthom dawk quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.**

Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appella tal-appellanti Malta College of Arts Science and Technology u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-24 ta ' Novembru 2020

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru